MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1761/2002

***The General Soft Drinks Co Limited***

***vs***

***Alan Agius***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitta u erbghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm546.52) rappresentanti bilanc minn ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u dana kif jirrizulta mid-Dokument "1" anness ma' l-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet minn Mejju 2001 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut ta ruhu b'notifikat bl-avviz permezz tad-difensur tieghu Dr. Chris Grima fis-seduta tas-17 ta'

Jannar 2003, izda baqa’ ma pprezentax risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Aldo Saliba in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sitta u erbghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm546.52), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-31 ta’ Mejju 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------